

32005D0924

L 337/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.12.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 2005

dwar il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u tmexxija tajba, stipulat mill-Artikolu 26(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati

(2005/924/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu waħdieni

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 11 u 26 tiegħu,

Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li ġejjin għandhom jibbenefikaw mill-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u tmexxija tajba stipulat fir-Regolament (KE) Nru 980/2005 mill-1 ta' Jannar 2006 għall-31 ta' Diċembru 2008:

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 jistipula l-ġewwa ta' arranġament ta' inċentiv speċjali għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jissodisfaw ċerti rekwiżiti għall-iżvilupp sostenibbli u tmexxija tajba.
- (2) Kull pajjiż li qed jiżviluppa li jixtieq jibbenefika minn dan l-arranġament ta' inċentiv speċjali bagħat it-talba tiegħu bil-miktub sal-31 ta' Ottubru 2005, flimkien mat-tagħrif komprensiv dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti, il-leġiżlazzjoni u l-miżuri li jimplementaw b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet u l-impenn tiegħu li jaċċetta u jikkonforma bis-sħiħ mal-mekkaniżmu ta' sorveljanza u revizzjoni mbassra fil-konvenzjonijiet rilevanti u strumenti relatati.
- (3) Il-Kummissjoni eżaminat dawn it-talbiet, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 980/2005, u stabbiliet il-lista finali ta' pajjiżi benefiċjarji li jissodisfaw il-kriterji rilevanti. Skond dan, l-arranġament ta' inċentiv speċjali għandu jingħata lil dawn il-pajjiżi bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Diċembru 2008.
- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Preferenzi Ġeneralizzati,

- (BO) Il-Bolivja
- (CO) Il-Kolumbja
- (CR) Il-Kosta Rika
- (EC) L-Ekwador
- (GE) Il-Ġeorġja
- (GT) Il-Gwatemala
- (HN) Il-Honduras
- (LK) Is-Sri Lanka
- (MD) Ir-Repubblika tal-Moldova
- (MN) Il-Mongolja
- (NI) In-Nikaragwa
- (PA) Il-Panama
- (PE) Il-Peru
- (SV) El Salvador
- (VE) Il-Venezwela

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.